MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2010

Numru. 853/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Said Abdi Liban**

**Illum, 16 ta' Awissu 2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Said Abdi Liban ta' nazzjonalita Somala, imwieled f'Burco, Somalja fis-sena 1982, iben Abdi u Milgu u detentur tan-numru ta' pulizja 08ZZZ-039.

Akkuzat talli f'data mhux maghrufa qabel il-15 ta' Awissu, 2010, f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport, karta ta' l-identita' u permess ghar-residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, karta ta'

l-Identita’ u permess ghar-residenza li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Omar Osman Ahmed bin-numru 45331, AR 4324776 u O092082 rispettivament (Kap 61, Sec 5, tal-Ligijiet ta’ Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189, tal-Ligijiet ta’ Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d), tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------